FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar Il-Hamis 9 ta' Mejju , 2002

**Avviz Nru:1721/01PM**

**Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti ta' AXA Insurance Plc diga' Guardian Royal Exchange Plc. Kif surrogati bill-Ligi u bill-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Saviour Agius u Saviour Agius f' ismu proprju**

**Vs**

**Laura Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu danni wara incident tat-traffiku;

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet fejn gie eccepot li l-konvenuta ma kienetx reponsabbli ghall-incident;

Ra d-dokumenti ezebiti;

Sema x-xhieda;

Ikkunnsidra li skond il-Pulizija, li nvestiga l-incident il-partijiet iddikjaraw kif gej:

L-attur: "Jiena kont gej normali fuq is-side tieghi u l-vettura l-ohra qabdet u qasmet it-triq. Jiena zammejt il-brake imma l-kolluzjoni sehhet xorta";

Il-konvenuta: "id-driver tal-vettura safra (AAV735) waqaf biex itini cans indur u x' hin kont qeghda tlett kwarti tad-dawra lesta, tal-vettura hamra (BB438) dahal go fija u bid-daqqa tefani fuq il-vettura l-ohra";Id-driver tal-karozza l-ohra AAV 735 (mhux parti fill-kawza qalet): "Jiena kont wieqaf fuq l-stop qed nistenna l-vettura l-ohra tghaddi u naf li kien hemm vettura ohra li laqtet illi din u bid-daqqa habtet mieghi";

L-esponent jaghmel riferenza ghal kawza Fogg Limited vs Jesmond Vella deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001. F'din il-kawza L-Qorti tal-Appell qalet li s-sewqan ghandu, "jkun prudenti, mehtieg u suggerit fic-cirkostanzi.......il- Qorti ghalhekk tikkunsidra l-elementi kollha li kkontribwew ghall-incident fid-dawl tar-regolamenti li jiggvernaw is-sewqan tad-drivers involuti f' dak il-mument. Kellha tiddetermina x' kienet il-kawza prossima u mmedjata tieghu":

F’ dan il-kaz il-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra li ghamlet il-konvenuta li ghalkemm rat lill-attur gej hasbet li setghet tghaddi. Illi l-konvenuta sostni li l-incident gara minhabba l-speed eccessiv da parti tal-attur. L-esponent ma jaqbilx. Kienet il-konvenuta li kellha d-dover li tassigura li tista’ taqsam il-lane tat-traffiku minghajr ma tostakola t-traffiku. Illi l-konvenut taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell, 27/04/2001 Micallef vs Spiteri (Citaz.1425/93). Illi f’ dik il-kawza l-attur kien qed isuq b’ mod spregudikat b’ nonkuranza shiha ghal fatt li kien ghaddej minn triq traffikuza bi speed ben oltre’ l-limitu regolamentari u ben oltre’ d-dettami tal-prudenza. F’dik il-kawza l-Qorti ikkonkluda lli ma kien hemm xejn imprudenti fis-sewqan tal-konvenut Skond il- Qorti f’ dik il-kawza l-konvenut beda l-manuvra meta l-attur ma kienx vizibli. F’ din il-kawza l-konvenuta bdiet il-manuvra wara li rat lill-attur. Il-konvenuta ghamlet riferenza ukoll ghal kawza Debono vs Camilleri (23/2/62 Appell Civili). Illi f’dik il-kawza intqal li jekk d-driver jonqos milli jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u cirkostanzi u jekk ma jzommx “a responsible careful look out” u jara dak li jkun ragonevolment vizibli u jigi f’ kollizjoni ma’ vettura ohra, huwa jkun hati ta’ negligenza kontributorja, jekk l-vettura l-ohra ukoll kienet negligenti u ma jistax jinvoka l-ezoneru ta’ sudden emergency ghax huwa kien f’negligenza antecedenti u din tkun li gabet l-stat tal-emergenza.Illi f' dik il-kawza kien hemm maltemp, xita qawwija, triq mhux imdawla, art tizloq u l-persuna fuq il-main road kompliet ghaddejja ghalkemm ra’ dak li kien hemm quddiemu. Illi dawn il-

klundizzjonijiet u cirkostanzi ma kieunx prezenti fill-habta in kwistjoni;

Ghaldaqstant filwaqt li jichad l-ecezzjoniijiet tal-konvenuta jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi l-ammont ta' seba' mija u tlieta u erbghin Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu Lm 73.63c bl-imghax u bl-ispejjes kif miktub.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**